# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)
Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea (str. Cristoforu, numru 174).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IT-TLIETA, id-29 TA OTTUBRU, 1912. Nru. 38.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*
P. Arciskof u Iskof.

## Akraû! Akraû!

### Unjoni Cattolica San Giusepp.

### AĦBAR.

Fit-2 ta novembru, tiftaħ li *Scola għat-tfal tal Imsieħbin*, b'daŭn il pattijet: li it-tfal ma icollhomx actar minn 15 il sena u inkas minn 9 snin—li icunu jafu jakraŭ xi ftit bl'ingliż u bit-taljan—u li missierijethom icunu dejjem ħallsu it-tliet soldi tal gimgha.

It-tagħlim icun: kari u *dittatura* bl'ingliż u bit-taljan, xi ħaġa tal *grammatica* ta daŭn iż-żeŭġ lingŭi, ir-reguli principali tal *aritmetica*, semplici u composti, li Storja ta Malta, geografija u tifsir ta ħŭejjeġ tal bżonn.

Il ħin: f'tal imŭiet, siegha u nofs cull jum. Nhar ta ħamis u nhar ta sibt, issir id-Dutrina.

Sejjra tiftaħ ucoll, f'kasir żmien, Scola oħra għall'Imsieħbin stess, bejn ŭieħed u ieħor bit-tagħlim collu li għedna fuk.

Narġgħu nitolbu, fl'aħħar nett, l'Imsieħbin tal *Unjoni Cattolica* li jafu idokku xi strument, biex jatuna isimhom u igħidu xi strument idokku, ħalli nistgħu ngħakkdu *Classi Musicali*.

Mil Palazz Caraffa,
strada Forni, 94.
Fis-17 ta ottubru, 1912,
Walter Agius,
Segretarju.

## Kari tajjeb.

Din l'ittra li ŭaslitilna il gimgha l'oħra, ftit siegħat ŭara li ħareġ il *Habib* u li għal hecc biss dâmet sa 'llum ma dehret, mhux talli 'nxandruha b'kalbna collha, imma natuha l'eŭŭel post, chif jisthokkilha. Li hi mictuba minn id ta ragel għaref, tgħidu hi stess, jecc daŭc li jakraŭha icunu jafu jiżnuha.

«Fil 21 ta Ottubru, 1912.

«Sur Direttur,

«Mingħajr ma nokgħod nifraħlec bil gid cbir li kiegħed tagħmel lill Poplu, għax inti taf li jen ma tantx inħobb nitlef żmien fil cumplimenti, ippermettili nagħmel xi żeŭġ osservazzjonijet fuk il *kari ħażin* u il *kari tajjeb*, la darba, disgrazzjatament, kiegħed jissuccidi li mentri mil banda il ŭaħda kiegħdin nintleŭ iż-żejjed bil gażetti ossija faxxiculi sagri, mil banda l'oħra kiegħdin jinbtu ucoll il gażetti tal partiti, li huma agħar mil *carti tas-sitt ħabbiet*, għax, f'lôc li jarfgħu salib persuna jeŭ familja ŭaħda, jiżirgħu l'odju u il mibegħda bejn ktajja sħaħ tal Poplu: odju u mibegħda ŭisk periculusi, għax miżrugħin kalb daŭc il ktajja tal Poplu, li, bejn li mogħmija mil fanatiżmu u bejn li m'humiex istruiti biż-żejjed, cull-ma jakraŭ fil gażetti, specjalment tal culur taħħom, jieħduħ b'evangelju!

«L'eŭŭel osservazzjoni hi din: mita ngħidu *kari tajjeb*, ma għandniex nifhmu biss *curunelli, noveni, ħajjet tal kaddisin, aħbarijet ta miraculi, avviżi ta festi, poeżiji sagri* u ħŭejjeġ oħra bħal daŭn: mingħajr xejn dubju, daŭn huma ucoll ta min ifittixhom u ihenni ruħu bihom: imma *kari tajjeb*, scond chif jaħsbuha il Għorrief, scond chif chien ifisser-ruħu li stess Lêuni Tlittax, jigifieri cotba u gażetti li, biddŭal li jatu, bit-tagħlim li ixandru, bil ġrajja li igibu, iseŭŭu li mħuħ, irattbu il klub, jiddrittaŭ il cunxienzi, għax itellgħuna naħsbuha ta 'rgiel; u, mentri mil banda il ŭaħda ineżżgħuna mil vizzijet u mil frugħat ta cull xorta ta fanatiżmu, mil banda l'oħra jagħmluna nafu naraŭ x'in hu it-tajjeb u il ħażin fil kima tar-Religjon, x'in hu il gid u id-deni fil gieħ tal Patrja, x'jixrak u ma jixrak lîlna, lill familji tagħna, lill ħbiebna, lill għajrna! Minn daŭn il cotba u minn daŭn il gażetti, mhux mil cotba u mil gażetti *sagri*, aħna nieksin ħafna.

«Il cotba u il gażetti sagri, għad li għandhom fîni ieħor, id-devozzjoni, igħinu ucoll lill *Missjoni tal kari tajjeb*, li aħna nixtieku imxerrda actar fostna: imma, disgrazzjatament, daŭc ma jiġrux biż-żejjed fl'idejn ta min l'actar għandu bżonnhom, jigifieri ta min jixrob it-toscu tal *kari ħażin*. Joħorġu bl'eluf u jinkraŭ bi ħrara cbira, imma actarx mid-devoti, minnisa u miż-żgħażaħ ta ma dŭar il Cnejjes, mentri li il-cotba u il gażetti velenusi jixterdu f'idejn oħra.

«Għandna, mela, infittxu cotba bħall *Mogħdija taż-Żmien*, gażetti bħall *Habib*, rumanzi onesti u patriottici, poeżiji mixgħula bid-daŭl u bl'imħabba tal proxxmu, f'chelma ŭaħda *kari profan, kari li jiġbed in-nies għaliħ*, imma *kari tajjeb*, li ma ixeŭŭix l'aħŭa għal xulxin, li ma inissilx mibegħda fil kalb, ħsiebijet ħżiena fil moħħ, xeħtiet coroħ fir-ruħ—*kari tajjeb* li, b'imħabba lejn Alla u lejn il Patrja, juri, igħallem, ifisser chif għandna nagħmlu il gid lîlna infusna, lil ħutna u lil pajjiżna—*kari tajjeb*, f'chelma ŭaħda, li jagħmilna irgiel!

Ŭara ir-Religjon, hemm il Patrja; u ŭara il Patrja, hemm il Familja. Mela, ŭara il ctieb u il gażetta tal Cnisja, hemm li Storja u il ġrajja ta Malta; u ŭara daŭn, hemm it-tagħlim u il mogħdija taż-żmien. Imma, fuk collox, niftacru f'dan: *min ma iridniex ħbieb ta xulxin, għadu tagħna it-tnejn.*

«Biż-żejjed sa haŭn, Sur Ditettur, għad li fadal l'aħjar: *min għandu il ŭidnejn biex jisma, jisma*—igħid l'Evangelju.
R. E.

## L'Iskof Heylen.

Ŭegħdna, fl'aħħar dehra tal *Habib*, li narġgħu nitchellmu fuk Monsinjur Heylen: u issa sejjrin inħallsu dejnna. Iżda, mhux biex ngħidu ħŭejjeġ li cull-ħadd jafhom: jigifieri fejn mar iżur u x'kâl fukna chemm dâm haŭn Malta: imma biex natu xi ħjel ta chemm hu ragel cbir il *President tal Cumitat Permanenti tal Cungressi Eŭcaristici Universali*, ħalli hecc il karrejja tagħna jifhmu aħjar min hu dac il bniedem, ħelu f'għamîlu u mistur fi cliemu, ħaddiem ta bla serħ u għaref fost il għorrief, li, collu mogħti għad-dmirijet imkaddsa tiegħu, chien haŭn magħna il gimgha li għaddiet.

Mela, biex ma nakalgħu xejn minn żniedna, nakalbu chelma b'chelma mill'Ingliż dac li chitbu fuku fl'*Official Guide*, mita sar il *Cungress Eŭcaristicu* ta Londra; u infaccru biss li dic l'*Official Guide*, jigifieri *Gŭida* magħrufa u maħruġa mil Cumitat Esecuttiv ta Londra, saret taħt it-trigija tal Cardinal Bourne u tad-Duca ta Norfolk:—

« Barra mid-dmirijet tad-Djocesi cbira tiegħu, li hu jaħdem b'rekka tal-għageb, l'Iskof

ta Namur, ghall'imħabba kaŭŭija li ghandu ghall Gesù Sagramentat, jinsab mghobbi bix-xoghol tal *Cungressi Eŭcaristici Internazzjonali* (jigifieri *tan-Nazzjonijet collha*). Hu laħak President tal Cumitat Permanent malli miet dac l'Iskof kaddis li chien Monsinjur Doutreleux; u bil ħrara 'mkaddsa tieghu, chif ucoll bit-talb li bla serħ jitlob ll'Alla, cull Cungress li sar taħtu dejjem ghadda il ta kablu, bħalma issa ghandu tâma sħiħa li id-*Dsctax il Cungress Internazzjonali* (ta Westminster) jisbok ucoll il dac li sar fil belt ta Metz is-sena l'oħra (1907).

«Monsinjur Tumasu-Ŭigi Heylen tŭieled f'Casterlè, belt tal Belgju, fis-sena 1856 (jigi ghandu 56 sena): u, ŭara li dâm żmien imur li Scola tal Geżŭiti (*), fil belt ta Turnhout, daħal, fis-sena 1875, mal *Canonici Regulari ta Prémontré*, fl'Abbazija ta Tongerloo. Fl'aħħar, imbaghd, fl'Università Gregorjana ta Ruma, temm li studji tieghu b'rebħa li bakghet tissemma. Fis-sena 1883, ghamel *Dispûta* cbira fuk il Filosofija: u, ghad li ta 27 sena, żamm jebes fuk tliet sieghat lil ħafna ghorrief li chienu kieghdin imiruħ, fosthom li stess Cardinal Vannutelli. Chien hemm jisimghu il Papa Lêuni Tlittax, b'ghoxrin Cardinal u ħafna Iskfijet mieghu; u, mita raħ isostni b'dic il ħila 250 argument tal Filosofija, sejjaħlu ħdejħ, feraħlu kuddiem cull-ħadd u ŭaħħallu fuk sidru żeŭġ Medalji tad-deheb.

«Fis-sena 1887, giè maghmul Abbati (*Superjur*) ta Tongerloo: u ftit ŭara il Papa ghażlu b' *Visitatur* tad-Djar collha li dac l'Ordni ghandu il Belgju, Franza u l'Inghilterra. Hu gharaf iħeġġeġ fil Patrijet tal Ordni ta San Norbertu l'imħabba ta li studju u cattar fihom dic il ħrara li huma dejjem chellhom ghall gieħ u il kima ta Gesù Sagramentat u tal Madonna. Hu ucoll chien li ŭakkaf il Cumpanija (*Arciconfratèrnita*) imsejjħa tal *Kuddiesa tar-Riparazzjoni*; maghmula biex tpatti in-nukkas li isir lil Sidna Gesù Cristu fis-Sagrament tal Artal (minnhom huma daŭc is-Sorijet li ghandna fil Cnisja il ġdida ta *Strada Cristoforo*, ghalhecc imsejjħin *Sagramentini*); u saħansitra indaħal biex jaghmel il *Prefettura Apostolica* tal Congu, li min jaf chemm xoghol u gharak sŭietlu.

Fl'aħħar nett, fis-sena 1899, il Papa Lêuni Tlittax ħatru b'Iskof tad-Djocesi cbira ta Namur; u billi Hu chien jixtiek iżommu Ruma, bakghu jissemmeŭ il chelmiet li kâl il Papa fuk Monsinjur Heylen dic il ghodŭa li ghamlu Iskof: *Sejjer nissacrificaħ lill'imħabba li ghandi ghall Belgju!*

«Monsinjur Heylen jaghmel Hu ix-xoghol collu tad-Djocesi tieghu. Ħaddiem cbir, ikum cull-jum fit-tlieta ta fil ghodu: u l'inkas ħaġa żghira fit-trigija tad-Djocesi tieghu tghaddi minn idejħ.

« Barra minn dan, l'Iskof Heylen tà ruħu b'ħeġġa tal-ghageb ghax-xoghol bla tarf tal *Cungressi Eŭcaristici Universali*: u Ruma, fejn, fis-sena 1905, ippriedca b'sitt lingŭi, gherfu baka jissemma. L'Inghilterra jafha tajjeb, seŭŭa ghax bosta drabi żâr il Cunventi tal Ordni tieghu u seŭŭa ghax dejjem chellu sehem cbir fix-xoghol imkaddes li jaghmlu hemm is-*Sorijet tal Madonna ta Namur*, billi Hu, bħala Iskof ta din il belt, jinsab ucoll Câp taħħom. Monsinjur Heylen icun ir-ruħ tal *Cungress Eŭcaristicu* ta Westminster: u, bla dubju, chif in hi draŭŭa imkaddsa tieghu, mita jekaf mix-xoghol, jixteħet ghar-rcopptejħ kuddiem Gesù Sagramentat, biex jitolbu ibierec l'Inghilterra u il ħidma kalila tal *Cungressi Eŭcaristici*! »

Sa haŭn l' *Official Guide*, li minnha ħadna dan collu: u, minghajr dubju ucoll—inżidu aħna—daks chemm ghoġbitu Malta u smajnieħ b'ŭidnejna stess ighid li sejjer iferraħ f'riġlejn il Papa il ferħ ta kalbu—bla dubju xejn, Monsinjur Heylen, Iskof mimli bil ħrara, bil kaŭŭa u bil kdusija tal Appostli, jitlob ll'Alla cull-jum, mixħut ghar-rcopptejħ kuddiem is-Sagrament tal Artal, biex ibieree din il Gżira u il Cungress Eŭcaristicu taħħa.

*Talb u xoghol*—kalilna, seŭŭa fil Cumitat Esecuttiv u seŭŭa fil Cumitat General: *hemm bżonn taħdmu u hemm bżonn titolbu.*

(*) Chien Scular ma Patri Vicenz Sammut, dac il Geżŭita-Malti li b'gherfu ghamlilna onur cbir mad-dinja u issa jinsab haŭn, Rettur tal Culleġġ *San-Lŭigi* ta Birchircara, fejn Monsinjur Heylen sejjer jokghod fil ġranet tal Cungress u fejn actarx issir il *Lakgha Plenarja* (jigifieri ta *cull-ħadd*) bejn il Cungressisti.

ID-DIREZZJONI.

## MIL-EFFETTI AĦNA NAGĦARFU ILLI HEMM ALLA.

(*Jissocta man-numru 35*)

Biex narau iżied biċ-ċar chemm tabilħakk jisbaljau l-ateisti mita jgħallmu li jintgħatau effetti u causi bla tmiem, icollna jnuakkgħu għal ftit it-taħdit tagħna fuk il-causa finali, materiali u formali (4). Jecc immela rridu nafu għaliex dac iż-żagħżugħ imexxi t-taħriġ għas-saħħa; s-saħħa għal lis-studju; lis-studju għall għerf; l-għerf għad-dottorat; id-dottorat għal fuk is-siġġu tat-tagħlim; għandna sa fl-aħħar irridu jeu ma rridux niefku f-ħaġa li hi l-causa finali għal dac iż-żagħżugħ u li meħtieġa għalih, għax inchella mingħajrha chiecu hu ma jtemm xejn. Iżied: jecc aħna nfittxu mn-hix hi msauura dic lis-statua, nsibu li hi magħmula mil-cartapesta; u l-cartapesta mil-carta, l-carta mil-bcejjeċ taċ-ċraret, iċ-ċraret mil-insiġ tal-koton jeu tal-chittien: imma l-aħħar mil-aħħar jaħtieġ li nokogħdu għall materja sgura li minnha hi magħmula lis-statua u li għaliha hi causa materjali, għax inchella ma ncunux nafu mn-hix tintgħamel dic lis-statua. Jecc fl-aħħar nixtieku nafu u nsaksu ħaġa uara l-oħra x-inhu l-bniedem? hu annimal bir-ragiuni; x-inhu l-annimal? hu ħaġa ħajja li tħoss; x-inhi dil ħaġa ħajja? hi dic li tista b-xi môd ittemm minnha n-fisha jeu bla għajnuna ta' ħadd xi għamil: għandna sa fl-aħħar niefku bil-fors f-ħaġa li hi l-causa formali tal-bniedem, li minnha hua msauuar, għax inchella bl-ebda môd ma ncunu nafu x-inhu l-bniedem. Minn dan collu nistgħu niġbdu bħala conseguenza illi jecc f-daun l-għamliet ta' causi jaħtieġ li tcun hemm uaħda u din tcun l-euuel li tkankal lil-oħrajn biex itemmu xi ħaġa, uisk iżied jaħtieġ li fl-għamla tal-causi effettivi (5), li minnhom isiru l-oħrajn, icun hemm uaħda li tcun l-euuel li tkankal il-causi collha, biex itemmu l-effetti tagħhom: u din il-causa ma hix ħlief il-Causa Prima. Mela iesisti Alla li hu l-Causa Prima tal-causi u tal-effetti collha: u għalhecc jisbaljau bl-icraħ l-ateisti mita jgħallmu li jintgħatau causi u effetti bla tmiem. L-ateisti huma tas-seu mgagħalin mir-ragiuni li jilkgħu din il-Causa Prima, imma jiċħdu li Alla hu din il-Causa Prima u ma jistħux itennu ma Plinio li l-Causa Prima hi d-dinja, li scond it-tagħlim icraħ tagħhom hi minnha n-fisha u chienet mid-duiem. Chemm imorru smerċ f-dan it-tagħlim tagħhom, narauh darb'oħra. E. F.

(4) Il-causa finali hi dic li jġġagħal il-causa effettiva biex tagħmel xi ħaġa—Il causa materiali hi dic li minnha tintgħamel xi ħaġa—Il-causa formali hi dic li biha ssir xi ħaġa f-xi gens mitmum.

(5) Il-causi effettivi huma dauc li bl-għamil tagħhom fisicu jagħmlu xi ħaġa: bħallichiecu l-ħaddiem hu causa effettiva ta' lis-statua.

## ERBA'-TI-JIEM BEJN L'IMĠARR U IL ĠNEJNA

*Lil Dun Carm Bondin li chien mieghi.*

Fil ghafsa ta kalbi,
Fil ghejja ta ħsiebi,
Jien xtaktec sa f'talbi,
Ja mŭarrab mistrieħ.
Sa fl'aħħar haŭn sibtec...
Ghalchemm boghd minn ħbiebi,
Sejjaħtli u ŭiegibtec,
Bûr ħelu u sabieħ.

Tghaxxakni ħemditec
Kalb l'oksma tad-dŭieli,
Li bihom libbsitec
Il ħidma tal fkir:
Nixxabbat ma blatec
Joghġobni, jisŭieli...
Is-saħħa saltnatec,
Ħadd fic m'hua irsir.

Il feŭġa kaŭŭija
Li tigi mil baħar,
Il beŭsa bicrija
Tax-xemx li taghnic,
Ja raħal tar-raba,
Jatuc li tiftaħar:
Imbierec fix-xaba
Cull mîn ighix fic.

Chemm timraħ il ħarsa
Ħadd ghajrec ma jidher;
Katt lilec il karsa
Ta'l ghira ma tchedd:
Ma tafx it-takbida
Ta sider ma sider
Biex tghix: bla tnehida
Fuk friexec timtedd.

Fil ħidma biss tidra
Il kaŭŭa ta drieghec:
Foħritec il midra,
Ll mghazka, il moħriet.
Ferħan jecc l'art tcabbar
Iż-żrieraħ minn tieghec,
Jecc fkira int tissabbar...
Heec riedu is-smeŭŭiet.

Ghalfejn tal art cbira
Tithaddet il ġrajja?
Tad-dar, ghalchemm żghira,
Biż-żejjed l'aħbar.
Il kaŭŭa u l'imħabba
Daŭc l'ilma tal ħajja,
Dic barca li ixxabba,
Dic ħleŭŭa bla imrar.

Narac fil ghaxija
Mir-raba, mil ġonna,
Fil cnisja mhejjija
Tinġabar mas-serħ:
U tkassat bil kima
Tifħir lil Madonna:
Ghal dic it-tislima
Tfur kalbec bil ferħ.

Ħa' iħabrec ħadd-ieħor
Ghall Londra u Parigi:
Ghalija m'hemmx ieħor
Bħal ismec sabieħ:
Aħjar int mis-Senna,
Aħjar mit-Tamigi;
Ġo fic sibt cull benna,
Ja mŭarrab mistrieħ.

Fis-sicta miġbura
Ta daħla chennija,
Imżejjna bil ħdura
Tas-siġar cull żmien,
Katt ġmielec ma ninsa,
Ja Ġnejna dellija,
Katt inti la tinsa
Chemm fic tghaxxakt jien.

DUN CARM PSAILA.

# Il Għid tal Imŭiet.

It-tlieta u nofs kghedin idokku: l'ajru mghammex u mghott: bi sħab mdallam, ir-riħ coltant ivenven u iŭakka fl'art m'is-siġar il ŭerak niexef, il kniepel ta bosta bnadi sejjrin dlonc idokku il meŭt,... aħ, chif col-lox, dan il ħin, jaksamlec u jinfidlec kalbec, u l'għokla li tħoss ħatt ma ifissirha!

It-torok li jeħdu għa'ċ-Cimiteriu maħnu-kin b'in-nies; iżda, colħadd miexi b'kalbu seŭda; fuk uiċċ colħadd jidher in-nichet; il colħadd nilmaħ liebes l'isŭed!

Biċċa minnhom b'id-dmuħ f'għainejhom huma mexjin chem-chem jitħarcu; oħrajn jintakgħou ma ħbieb taħħom, iżda jeħdu b'id xulxin u jibkgħou għaddejjin mingħair xejn ma jitchelmu; min jislet mill kiegħ ta kalbu tneħida l'iżied cbira; min jolfok, min jinfexx jibchi; u ilcoll chem huma tismaħ-ħom jitolbu l'Alla il mistrieħ ta dejjem għall mejtin.

Is-sfurija ta dic l'armla li titbecca fuk il kabar min ta żeŭgħa li miet fl'aħjar ta żgħo-żitu, tkankal il kalb;—il ħleŭŭa ta daŭc iż-żeŭġ tfailjet li jiersku ikegħdu ħeden ŭard fuk ir-rħama ta missierhom, id-dmugħ tislet mill għainejn;— l'imgħba ta dic l'omm im-sejcna li tibchi fuk il kabar ta binha il maħbub u ma chelliex ħliefu, iggiblec pie-na u għafsa ta kalb;—dac iż-żgħażuħ li jiggiera u jistaksi fejn ħuħ jinsab midfun, iġagħalec tgħadru u titħassru. Il Għid tal Imŭiet hua il jum li ifaccarna f'bosta ħŭejjeġ ta ksim il kalb. Ix-xebba ltima iggib kuddiem għainejha l'aħħar demgħa li 'nxterdet fuk ħaddejn ommha hia-u-tislet l'aħħar carba, u ħargħet ruħħa;—missjer xŭej-jaħ tal familja jiftacar f'ċorma uliedu, u il meŭt kerdithomlu ilcoll ŭiħed ŭiħed, u ħat-fithomlu minn ġo daru;—dac iż-żgħażuħ belti, taraħ jinxteħet għarcobtejħ fejn jinsabu taħt it-trab l'iġsma ta bosta għorrief li ħadmu għal pajjisna m'hux ftit;—u bħala minn sejf aħrax tigi minfuda il kalb ta dac il fkajjar mita juruħ il kabar ta dac il għani tŭajjeb u ħanin li bosra drabi chien ŭakaf miegħou u sŭielu ta gid bla tarf!

Iżda jecc daŭn il ħinijet huma għalina ta bichi u sŭied il kalb, aħ! chem huma iżied ta xeŭkat cbar għal daŭc l'Erŭieħ imsejcna li ilhom żmien tŭil kalb id-dħaħen u in-nirjen tal Purgatoriu. Aħ! chif in-huma jis-tenneŭ għajnuna u faraġ, l'actar minn min ŭisk drabi huma chienu sŭeŭlu bla kjies, u għandhom il jett fuku! Ah! chif in-huma jitnieħdu u jistenneŭ is-sigħa, li fiha għand-hom jinfetħulhom il bŭieb ta dac il ħabs mudlam, fejn jissaffeŭ it-tbajja ta coll ħtija! U li-mfietaħ ta dac il ħabs ŭaħxi jeŭŭilla m'hux f'idejna irħihom Alla?

Dan ma imeriħ ħatt, għax tgħallimulna il Cnisja Mkaddsa, li f'idejjha jinsab miġ-bur it-tesor collu tal fidi, u bosta ġnus tad-dinja li ma jakblux f'collox mgħana, jist-karruħ ucol.

Il kniepel ta collimchien jerġgħu jinstem-għu idokku fi tħul il-lejl, chif ucoll għodu għodu kabel iżernak, bħallichiecu biex igħeidulec: "Ftacar fil mejtin tigħec, għaliex illum hu il Għid tagħħom. Ftacar f'min tant ħabbec, f'min il-ljeli sħaħ ma għalakx għai-nejħ xifer ma xifer imħabba fic, f'min tant bàta u kanceċ biex ŭara meŭtu iħallic f'it-tgaŭdija, f'min forsi neħħa minn ħalku il chissra tal ħobs li chien kigħed jecol, sa-biex jitmagħħa lilec. Ftacar... u xħin id-dmugħ għainejc ixarrab, għid bil kalb: *Muleja ati lil erŭjeħ—minn ta dejjem il mistrieħ.*

F'daŭn il jumejn ma tidħolx iżżur makbar li ma issibux mżejjen b'tgħamira ŭard chif imiss: l'okbra, x'uħud minnhom, icunu donn-hom ġnien żgħir, b'is-sengħa chif jarmaŭhom.

Din id-draŭŭa li ixerrdu il ŭard fuk l'ok-bra tal mejjtin, ġejja m'in-nies ta żmien ilu katigħ, mita it-tebut tal mejjet chienu jicsuħ bil ŭard biex juru il kosor tal ħajja, illi mxebħa lil ŭarda, illi din filli tant sabieħa u f'ŭaktha, u filli minn hemm u ftit titbiel u tinxef.

Mill cotba ta Pliniu, ta Cicerun u ta Vir-gilju, nitgħalmu illi it-tixrid tal ŭard fuk l'okbra chienet draŭŭa għażiża tal idolatri fil funerali tgħaħħom. Sant'Ambroġ, iżda fil prietca li għamel fil meŭt tal Imperatur Va-lentinianu, għandu daŭn il chelmiet: "Jena ma inżejjinx kabru bil ŭard, imma inxerred fuk ir-ruħ tigħou il fŭiħa ta Cristu,—Cristu hua gilju, u b'dan il gilju jien irrid li jisfa mkaddes il għadam tigħou."

* *
*

Il Għid tal Imŭiet, l'eŭŭel ma bdieħ, chien San Odiluni,—bniedem għani fost il cbaràt tal belt ta Borgonja (Franza), u Superiur tal Abatija ta Clulny, billi għaraf inissel fi klub il Patrijet li chienu taħt it-trigija tigħou, ħeġġa ta cbira ħniena u imħabba lejn l'Erŭieħ tal Purgatoriu.

L'eŭlieni digriet li jinsab merfuħ fl'Archi-vju tal Papa, jitħaddet minnu fit-tùl, u isem-mieħ San Pier Damiani fil *Ħajja tal Beatu Odiluni*, chif ucol il Cardinal Baroniu, *Sena 1048, N.6, u fin-Notazionijet tal Martirologiu taħt id-data 2 ta Novembru*;—u bosta aŭturi għorrief oħra.

Mill Concilju ta Oxford, li nġabar fis-sena 1222, insiru nafu li il Għid tal Imŭiet chien festa cmandata. F'pajjisna, iżda, hua biss jum ta cbira kima.

Niftacru immela f'dan il jum ta sŭied il kalb, niftacru f'daŭc l'Erŭieħ li chienu l'għax-ka ta kalbna, li ħabbeŭna b'għożża cbira, li għamlulna gid bla tarf. Niftacru, iva, u ŭakt li id-dmugħ għainejna ixarrab, ngħidu b'leħen ŭiħed u b'kalb ŭaħda: *Pie Jesu Do-mine, dona eis requiem.*

Barra milli inxerrdu il ŭard fuk l'okbra, għandna ucoll xi *draŭŭjet* oħra fil ġranet tal Imŭiet: minn gimgħa kabel, joħorġu jiġ-bru biex dac inhar ikassmu it-tisjir u ħobż lil fokra.

Haŭn x'imchien, bħa'r-Rabat, fejn irabbu il *każkuża tal Erŭieħ*, u imbgħad jircan-taŭha fuk San Catald (ftit u xejn il fuk minn San Paŭl Barra). Bnadijet oħra, bħa'ż-Żur-riek u is-Siggieŭi, il koton u il kamħ li chienu jiġbru għall' Erŭieħ, dari chienu jir-cantaŭhom ucoll fil misraħ, l'eŭŭel Ħadd li jigi fuk il Għid tal Imŭiet. Cont tisim-għu igħajjat hecc:

"Il kamħ tal Erŭieħ, ħamsa u għoxrin scut il modd; il koton tal Erŭieħ, seba scuti u nofs il kantàr; tliet eŭŭiek u patacca.... haŭnx min iżid?"

* *
*

Min f'it-tieni jum ta Novembru, il ħabta tal ħdax, imur sa ħdejn il Cabuccini tal Furiana, jeŭ tal Birgu, inclilè x'imchien iħor, fejn jatu it-tisjir u il ħobs, dac inhar jara xêna sħiħa. Katgħa xjuħ fokra, nisa u rgiel, x'uħud minnhom għomja, zopop, u min hu mgħatraġ, min mifluġ u min sidru ipaħpaħ, tilmaħħom mdaŭrin mal inħasa ta't-tisjir, b'xi borma jeŭ chitla f'idejjhom, jimbottaŭ dlonc fuk xulxin, u jixxabbtu biex colħadd imissu minn tal eŭŭel.

Malli il borma jimburġaŭhielhom, imorru jecluħ bilġri, f'xi rocna jeŭ taħt xi ħajt għall chenn. Xêna li iġġagħlec tibchi, u isseŭŭidlec kalbec ictar milli tcun!!

Fl'eŭŭel ta Novembru, 1912.

DUN GIUSEPP FARRUGIA,
*Cappillàn.*

### It-tnejn ta' Novembru.

Fit-tnejn tax-xahar ta Novembru, il Cnisja mkaddsa tmur tfaccarna b'mod specjali fl-erŭieħ tal Purgatorju.

Din id-devozjoni bdiet mill-Abbati San-t'Adilone.

Ŭieħed pellegrin minn Rhoden huŭa u gejj minn Gerusalemm fejn chien mar iżur l'Art Imkaddsa, chellu ma sħabu jinżel fuk gżira żgħira ma genb Skallija, imħabba fil maltemp. Hemm hecc mar iżur lil ŭieħed eremita u dana staksieħ jecc jafx il Cun-vent ta' Cluny u lill'Abbati Adilone.

—«Iva»—ŭiegeb il pellegrin— «nafu il Cunvent tà Cluny u naf ucoll tajjeb lill'Ab-bati Adilone li għandu fama ta Kaddis.»

—«Tajjeb»—kallu l'eremita—«mur mela fejn Adilone u għidlu illi haŭn fil krib, haŭn lôc illi fih Alla għoġbu li jiġu ittur-mentati l'erŭieħ tal Purgatorju. Jien spiss nismaħħom u nisma ucoll id-demonji igħer-gru contra daŭc collha li b'talbhom u b'egħmilhom ieħor tajjeb, ta' sicŭit jeħilsu lil daŭn l'erŭieħ. Nismaħħom imbgħad igħemgmu, specjalment contra Adilone u il Patrijet sħabu. Għalhecc jiena fl'isem t'Alla nitolboc tmur tgħid lil dan Adilone u lil Pattijet sħabu tal Cunvent ta' Cluny sabiex iżidu fit-talb taħħom u hecc jiħilsu dejjem actar lil daŭn l'erŭieħ imkaddsa.»

Il pellegrin, malli ŭasal pajjiżu, mar min-nufiħ sab lil Sant'Adilone u kallu bil biċċa. Dana ġagħal lil Patrijiet tiegħu iżidu fit-talb taħħom u ordna ucoll illi fil Cunventi tiegħu collha, fit-tnejn ta Novembru, issir il festa ta'l-Imŭiet. Dana chien fis-sena 998. Dina id-divozjoni 'mbagħad mil Cunvent ta' Cluny xterrdet mad-dinja collha.

Victoria-Għaŭdex.

L. CUTAJAR, P.L.

### Cungress Eŭcaristicu Internazzjonali.

AVVIS.

Jen haŭn iffirmat ngħrrraf lil cull-ħadd li is-*Sotta-Cumitat biex jilka il frustieri* idde-cida li, sabiex idur chif jixrak b'daŭc collha li jiġu haŭn fil ġranet tal Cungress Eŭcari-sticu, għandu iħejjilhom fejn jokogħdu.

Għal hecc, mela, dan is-Sotta-Cumitat jitlob is-sjed ta *Djar mobbiljati*, il lucandieri u daŭc il familji collha li, seŭŭa haŭn *il-Belt* u seŭŭa fit-*Tliet ti bliet* u fis-*Sobborgħi*, iridu jicru appartamenti, cmamar jeŭ xi cum-ditajjet oħra, biex jibagħtu igħidulu bil mictub x'lochijet għandhom għall chiri, x'cumditajjet fihom u chemm iridu chira. Daŭn l'*Aħbarijet* għandhom jinbagħtu il-Belt, fl'Uffizzju ta strada *San Paolo*, numru 345A, sat-30 ta novembru li gejj.

Fl'24 ta ottubru, 1912.

LORENZU FALZON,
Vici-President tas-Sotta-Cumitat.

## MOGĦDIJA TAŻ-ŻMIEN

### XARADA.

Nofs mara ċchejcna
tal eŭŭel ċar;
nofs bhima 't-tieni,
iżda mil cbar.
It-tielet fittex
annimal sħiħ:
u tal gŭerrieri
collox ix-xiħ.

R. M. B.

L'aħħar *Taħbit il moħħ* chien:
«Frar faŭŭar mila li biar».

Giebuħ tajjeb: mil Belt, is-Sinjurina T. Mizzi u is-Sinjuri Piju-Marija Gaŭci, Giusep-pi Sciberras u Paŭlu Camilleri-Bezzina—mir-Rabat tal Imdina, is-Sur Dŭardu Carabott—u minn Għaŭdex (ir-*Rabat*) C. A. u (*San Laŭrenz*) is-Sur Dŭardu Grima.